MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2005

Appell Kriminali Numru. 93/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Maria Assunta Pane`**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Maria Assunta Pane` talli fit-18 ta' Novembru 2003 ghall-habta tas-17.49 hrs, ghamlet uzu minn stallazzjoni, apparat, strument, jew accessorji ohra, provduti mill-Korporazzjoni Telemalta ghall-ghanijiet barra minn dak li ghalihom provdut (Act [**recte:** art.] 43 tal-Att XVI tal-1975) u ghamlet uzu minn sistema tat-telefon ghal skopijiet illegali u mhux xierqa u ghamlet uzu minn sistema tat-telefon sabiex tohloq dwejjaq jew inkonvenjenza lil Joan Orsini fost ingurji ohra;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta’ Marzu 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Maria Assunta Pane` hatja u kkundannatha ghall-hlas ta' multa ta' hamsa u ghoxrin liri Maltin (Lm25);

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imsemmija Maria Assunta Pane` pprezentat fis-6 ta' April 2004 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tirrevoka, thassar u tikkancella s-sentenza appellata u tilliberaha minn kull imputazzjoni u htija;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar l-ewwel aggravju ta' l-appellanti;

Ikkunsidrat:

Din is-sentenza tirrigwarda biss l-ewwel aggravju ta' l-appellanti li hu fis-sens li hija giet akkuzata u konsegwentement misjuba hatja ta' vjolazzjoni ta' l-artikolu 43 ta' l-Att numru XVI tal-1975 (Kap. 250) meta dan l-Att gie abrogat u m'ghadux in vigore u kwindi l-appellanti ma setghet qatt tinsab hatja ta' reat li llum m'ghadux jezisti.

Effettivament jirrizulta lil din il-Qorti li l-Att XXXIII ta' l-1997 imsejjah l-Att dwar it-Telekomunikazzjoni gie fis-sehh fil-31 ta' Dicembru 1997 (ghajr l-artikolu 5 dwar il-htiega ta' awtorizzazzjoni ghal infrastruttura jew sistema ta' telekomunikazzjoni) skond l-Avviz Legali 236 tal-1997 u bis-sahha ta' l-artikolu 36 ta' dak l-Att. Permezz ta' l-Avviz Legali 237 ta' l-1997 l-Att numru XVI ta' l-1975 kif emendat, allura l-Kap. 250 tal-Ligijiet ta' Malta, thassar b'effett mit-2 ta' Jannar 1998. Nonostante numru ta' riservi u disposizzjonijiet transitorji fl-Att numru XXXIII ta' l-1997, minn imkien ma jirrizulta li saret xi riserva ghat-tkomplija fis-sehh ta' l-artikolu 43 ta' l-Att numru XVI ta' l-1975. Dan l-artikolu kien jipprovdi hekk:

**"(1) Ebda persuna ma ghandha tuza xi stallazzjoni, apparat, strument jew accessorji ohra, provduti minn Telemalta, ghal ghanijiet barra minn dak li ghalihom ikunu provduti.**

**(2) Kull persuna li tikser id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu tkun hatja ta' reat kontra dan l-Att."**

M'hemm l-ebda dubju li l-ewwel parti ta' l-imputazzjoni hija riproduzzjoni fidila ta' dak li jipprovdi l-ewwel subartikolu ta' l-artikolu 43 ta' l-imsemmi Att XVI ta' l-1975.

Nonostante dan, dak li bih l-appellanti qed tigi imputata, u cioe` l-uzu tat-telefon, ossia apparat ta' telekomunikazzjoni, ghal ghan li ma jkunx dak li ghalih ikun gie provdut ossia fornut, baqa' jissussisti bhala reat fl-Att XXXIII ta' l-1997, cioe` l-Att dwar it-Telekomunikazzjoni, sussegwentement imsejjah l-Att biex Jirregola t-Telekomunikazzjoni u llum, wara emendi introdotti permezz ta' l-Att VII ta' l-2004, l-Att biex Jirregola Komunikazzjonijiet Elettronici - Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta. Jigifieri l-elementi tar-reat addebitat lill-appellanti baqghu jezistu fil-ligi taghna.

Bhalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Farrugia** deciz fit-13 ta' Jannar 1995:

*"Kif gie spjegat fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-18 ta' Novembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Philip Schembri** (Appell nru. 190/94), l-imputazzjonijiet ma hemmx ghalfejn ikunu redatti fil-kliem testwali tal-ligi: 'L-uzu tal-kliem testwali tal-ligi hu mehtieg biss fil-kaz ta' l-Att ta' Akkuza migjub mill-Avukat Generali quddiem il-Qorti Kriminali (ara Art. 589(d) tal-Kap. 9). Fil-kaz tac-citazzjoni mahruga mill-Pulizija Ezekuttiva, din tirrikjedi biss li jkun fiha il-fatti ta' l-akkuza (Art. 360(2)) u dan bl-istess mod bhalma meta tinqara l-akkuza fil-qorti mill-prosekuzzjoni din l-akkuza jehtieg li jkun fiha il-fatt tar-reat (Art. 374(i)*(i) *u 375(c)). Dawn il-fatti, naturalment, iridu juru b'mod car ir-reat li tieghu l-persuna tkun qed tigi imputata, minghajr il-htiega ta' tigbid ta' kliem jew immaginazzjoni, jigifieri b'mod li l-*

*imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed jigi akkuzat u ghal liema reat jew reati jrid iwiegeb'."*[1]

Jibqa' l-fatt pero` li fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti ccitat l-artikolu 43 ta' l-Att XVI ta' l-1975. Issa, l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:

**"Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat".**

Bhalma gie kostantement deciz, l-indikazzjoni zbaljata ta' l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat li tieghu persuna tkun giet misjuba hatja gie dejjem ekwiparat fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti man-nuqqas ta' tali indikazzjoni ghall-finijiet ta' l-imsemmi artikolu 382 tal-Kodici Kriminali. Dan hu nuqqas ta' formalita` sostanzjali, sollevabbli anke *ex officio* mill-Qorti, li jgib bhala konsegwenza n-nullita` tas-sentenza appellata u smiegh mill-gdid fil-mertu tal-kawza[2].

Ghaldaqstant din il-Qorti qed tiddikjara nulla s-sentenza moghtija fil-konfront ta' l-appellanti fit-30 ta' Marzu 2004 u, sabiex ma tipprivax lill-partijiet, u specjalment lill-appellanti, mill-beneficcju tad-doppju ezami, sejra tirrimetti l-atti lill-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tannulla s-sentenza appellata fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Maria Assunta Pane`** moghtija fit-30 ta' Marzu 2004 u tordna lir-Registratur sabiex minnufih jibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex din tisma' l-kawza mill-gdid u tiddecidiha skond il-ligi.

---

[1] Ara wkoll Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Mario Agius**, 3 ta' Frar 1995.
[2] Ara per ezempju Appelli Kriminali **Il-Pulizija v. George Camilleri**, 16 ta' Gunju 1995; **Il-Pulizija v. Mary Grech**, 7 ta' Lulju 1995.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------